MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2008

Numru. 818/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Ian Joseph Abdilla**

**Vs**

**Henry Borg Barthet**
**Victor Borg Barthet**

Il-Qorti:

Rat l-imputati Henry Borg Barthet iben il-mejjet Victor u Mary nee` Barthet imwieled Belt, Valletta, fl-24 ta` Awissu, 1945 u residenti No. 41 W. Lassell Str, il-Kortin Mellieha u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 707345 (M) u Victor Borg Barthet, iben il-mejjet Victor u l-mejta Mary nee` Barthet, imwieled Belt Valletta fil-31 ta` Marzu, 1951

u residenti f`Serafina, Triq ix-Xghajra, Madliena u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 279551 (M) li gew imressaqin quddiemha talli:-

Bejn l-1 ta` Jannar, 1999 u l-31 ta` Lulju, 2000 f`dawn il-Gzejjer, b`diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda; wara li fil-kapacita` taghhom ta` Diretturi tas-socjeta` “Borg Barthet Brothers Limited”, approprijaw ruhhom, billi dawwru bi profit ghalihom jew ghal persuna ohra, is-somma ta` madwar Lm 10641.71 migbura mis-socjeta` bhala dhul f`taxxa dovuta lill-Gvern ta` Malta, li giet fdata jew ikkunsinnata lilhom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu. Dan bi ksur ta` l-Artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 12 ta’ Novembru 2002 (esebit *a folio* 8 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Semghat l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fis-seduta tal-21 ta’ Frar 2008.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputati wiegbu li huma hatja, din il-Qorti wissiethom b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huma nghataw zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputati, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessa.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li mill-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Dicembru 2007 jirrizulta li l-imputati hallsu lid-Dipartiment tal- VAT l-ammont kollu dovut lid-

Dipartiment tal-VAT u li huwa indikat fic-citazzjoni u anke l-fatt li l-imputati kellhom diffikultajiet finanzjari.

Ghaldaqstant wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294, u 310 (1) (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lil imputati hatja ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jikkomettux reat iehor sa zmien sena (1) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------